# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IS-SITT SENA** **MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ)** **ĦIN: 20 minuta**

**Karta ta' l-Għalliem/a**

**Gwida għat-tmexxija ta' l-eżami tal-Fehim mis-Smigħ**

Riżorsi:

1. Test li jinqara
2. Karta tal-mistoqsijiet
3. Riga u lapes

INTRODUZZJONI: Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

L-għalliem/a j/tgħid lit-tfal li

| | | |
|---|---|---|
| 1. | • Il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel.<br>• Ser tinqralhom l-istorja ***Sejjer Madrid!***<br>• Għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari.<br>• Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari. | (3 minuti) |
| 2. | • Jaqilbu l-karta bil-mistoqsijiet wiċċha 'l fuq.<br>• L-għalliem/a j/taqralhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom. f'qalbhom imma ma jiktbu xejn. | (3 minuti) |
| 3. | • Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l isfel u jisimgħu t-tieni qari tas-silta.<br>• Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari. | (3 minuti) |
| 4. | • Għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha 'l fuq.<br>• Għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba.<br>• Jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija. | (5 minuti) |
| 5. | • Ser jinqaralhom it-test għat-tielet darba.<br>• Jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari. | (3 minuti) |
| 6. | • Jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba. | (3 minuti) |

**Sejjer Madrid!**

1. Kull meta naslu d-dar mill-iskola, sakemm ommi jew missieri jdaħħlu l-karozza fil-garaxx, jien inħobb immur b'ġirja niċċekkja l-kaxxa ta' l-ittri.

2. L-ewwel ħaġa li nagħmel hu li nħares lejn il-bolla. Jekk fuq l-envelopp ikun hemm bolla ta' 8 ċenteżmi tkun ġejja minn Malta, jekk fuq l-envelopp ma jkunx hemm bolla, skond ommi, ikun xi kont!

3. Il-ġimgħa l-oħra, waħda mill-ittri li sibt fil-kaxxa kienet indirizzata lil Luca Mifsud. Kienet ittra għalija!

4. Kelli seba' mitt sena biex niftaħha. Mill-ewwel indunajt min kien bagħatli l-ittra għax ħarist lejn il-bolla. Kienet ġejja minn Spanja!

5. Ommi malajr fetħitha u bdejna naqrawha flimkien. Kienet ġejja mingħand iz-ziju Twanny, ħu ommi, u mingħand martu, iz-zija Elena.

6. Iz-ziju u z-zija ilhom xi ħames snin jgħixu Madrid flimkien mat-tfal tewmin tagħhom, Karl u Fabian.

7. L-ittra kienet stedina għalija biex immur inqatta' xi ftit jiem magħhom fil-vaganzi ta' l-Għid.

8. Tistgħu timmaġinaw jien kemm qbiżt u werżaqt! Kont se ntir bil-ferħ.

9. Ommi kkalmatni ftit u qaltli li l-ewwel ridna nitkellmu ma' missieri.

10. Hekk kif wasal missieri dak inhar filgħaxija, jien mill-ewwel mort niġri ngħidlu x'ġara.

11. Għalkemm s'April fadal erba' xhur, jien qiegħed ngħodd il-ġranet.

12. Qed naqra ħafna fuq Spanja. Qed infittex ukoll minn fuq l-internet biex nara x'ser nieħdu ħwejjeġ magħna.

13. Qed infittex ukoll xi postijiet interessanti li nistgħu naraw meta nkunu hemm.

14. Spanja mhux tiela' waħdi. Missieri ġej miegħi u ser inqattgħu ġimgħa hemm.

15. Jien ser intella' xi karozzi miegħi biex noqgħod nilgħab mal-kuġini tiegħi. Irrid ukoll li jgħallmuni xi kliem ħafif bil-lingwa tagħhom.

16. Iġri tasal dik il-ġurnata! Jien żgur ser inkun fis-seba' sema minħabba li l-ewwel darba li ser nirkeb ajruplan!

**Tikteb xejn qabel ma tingħata l-ordni.**
**Oqgħod attent/a l-ħin kollu.**
**Ara li tkun weġibt sewwa.**

*(15-il marka)*

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Min qiegħed jirrakkonta? | Luca Mifsud | (1) |
| | | Fabian Mifsud | |
| | | Twanny Mifsud | |
| | | Louis Mifsud | |
| 2. | X'jagħmel l-awtur kif jasal id-dar? | Jistudja | (1) |
| | | Jiftaħ il-garaxx | |
| | | Jiċċekkja l-kaxxa ta' l-ittri | |
| | | Jagħmel ix-xogħol tad-dar | |
| 3. | Ta' kemm trid tkun bolla għal Malta? | 6 ċenteżmi | (1) |
| | | 7 ċenteżmi | |
| | | 8 ċenteżmi | |
| | | 9 ċenteżmi | |
| 4. | Ħu min jiġi z-ziju Twanny? | Ħu missier Luca | (1) |
| | | Ħu omm Luca | |
| | | Ħu Elena | |
| | | Ħu Karl | |
| 5. | X'jisimha l-mara taz-ziju Twanny? | Elaine | (1) |
| | | Elena | |
| | | Lina | |
| | | Elly | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 6. | Iz-ziju u z-zija għandhom tewmin. X'kienu t-tewmin? | Żewġ subien<br>Żewġt ibniet<br>Tifel u tifla<br>Tifla u tifel | (1) |
| 7. | F'liema żmien kien sejjer Madrid Luca? | Għall-vaganzi tal-Milied<br>Għall-vaganzi ta' l-Għid<br>Għall-vaganzi tas-Sajf<br>Għall-vaganzi tal-Karnival | (1) |
| 8. | Liema hi l-belt kapitali ta' Spanja? | Franza<br>Valletta<br>Madrid<br>Ruma | (1) |
| 9. | Min kien sa jsiefer ma' Luca? | Ħuh<br>Ommu<br>Missieru<br>Il-ġenituri tiegħu | (1) |
| 10. | F'liema xahar kien qiegħed jirrakkonta din l-istorja Luca? | April<br>Frar<br>Marzu<br>Diċembru | (2) |
| 11. | Kemm ser idum f'Madrid Luca? | Ħamest ijiem<br>Sitt ijiem<br>Sebat ijiem<br>Għaxart ijiem | (2) |

12. X'lingwa jitkellmu f'Madrid? (2)

- Il-Franċiż
- It-Taljan
- L-Ingliż
- L-Ispanjol

**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2007**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| **IS-SITT SENA** | **MALTI (KITBA)** | **ĦIN : Siegħa u Nofs** |
|---|---|---|

**Isem :** ________________________________ **Klassi :** _________________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ :

- Imla ismek u l-isem tal-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.



**A. Aqra din is-silta. Wara wieġeb il-mistoqsijiet.**



**Aħna kollha artisti!**

Martina rritornat mill-iskola b'għajnejha bid-dmugħ. Kienet pinġiet stampa tad-dar tan-nanna u tifel fil-klassi tagħha kien daħak biha. *(par. 1)*

Ommha qaltilha li l-istampa kienet sabiħa, imma Martina bdiet tibki u tolfoq. In-nanna, li dak il-ħin kienet bilqiegħda fil-kċina tixrob it-tè, qamet, ħarset lejn l-istampa u qaltilha li lilha għoġbitha ħafna kif pinġiet id-dar tagħha. Martina ħassitha aħjar. "Aħna kollha naraw l-affarijiet differenti u b'hekk inpinġu differenti," qalet in-nanna. "B'ħafna eżerċizzju, xi nies jirnexxilhom jiżviluppaw teknika għat-tpinġija, imma dan ma jfissirx li xogħolhom ikun isbaħ minn tiegħek u minn tiegħi. Kulħadd huwa differenti u l-arti hija għal kulħadd," kompliet in-nanna. *(par. 2)*

In-nanna ftakret fil-ħabib tagħha Mario, artist famuż, u qaltilhom biex jinżlu sa ħdejh, sa xatt il-baħar. F'radda ta' salib, waslu x-xatt. Fuq bank, kien hemm Mario bilqiegħda, li kien qiegħed ipitter stampa ta' żewġ sajjieda jaħdmu fuq il-luzzu tagħhom. In-nanna wrietu t-tpinġija ta' Martina. "Prosit!" qalilha. "Għoġbitni ħafna, l-aktar kif pinġejt il-fjuri. Fl-istess ħin, dik ix-xemx sabiħa fis-sema blù saħħret l-istampa." *(par. 3)*

Mario stedinhom ipoġġu ħdejh u jpinġu miegħu. In-nanna qabdet il-lapsijiet tal-kulur, Martina għażlet il-*markers* u ommha qabdet ftit ġibs ikkulurit. In-nies li rawhom, bdew ifaħħruhom. Tard wara nofsinhar, riħa tfuħ ta' ikel qabbdithom l-aptit, għalhekk iddeċidew li jieqfu. Kull biċċa arti li għamlu kienet tvarja. Kulħadd kien ra l-istess affarijiet imma kulħadd kien pinġiehom b'mod differenti. "Kemm ħadt gost!" qalet omm Martina. Martina qabdet id ommha, tbissmet u qalet, "Aħna kollha artisti!"*(par. 4)*

**Wieġeb b'sentenzi SĦAĦ.**

*(15-il marka)*

1. Minn fejn kienet ġejja Martina b'għajnejha bid-dmugħ? *(par. 1)*

____________________________________________

*(marka)*

2. Għaliex bdiet tibki Martina? *(par. 1)*

____________________________________________

*(marka)*

3. Ta' min kienet id-dar li pinġiet Martina? *(par. 2)*

____________________________________________

*(marka)*

4. Fejn kienet qiegħda n-nanna x'ħin ġiet Martina, u x'kienet qiegħda tagħmel? *(par. 2)*

____________________________________________

*(2 marki)*

5. Għaliex in-nanna taħseb li aħna npinġu differenti? *(par. 2)*

____________________________________________

*(marka)*

6. Fejn ħadithom in-nanna biex jiltaqgħu ma' Mario? *(par. 3)*

____________________________________________

*(marka)*

7. X'kien qiegħed ipitter Mario? *(par. 3)*

____________________________________________

*(2 marki)*

8. Mario studja sewwa l-istampa ta' Martina. X'għoġbu l-aktar? *(par. 3)*

____________________________________________

*(marka)*

9. X'użat biex tpinġi omm Martina? *(par. 4)*

____________________________________________

*(marka)*

10. Ta' xiex kienet ir-riħa li minħabba fiha l-artisti qabadhom il-ġuħ?
*( Immarka b'x)*

| | | |
|---|---|---|
| a. | Ir-riħa tal-baħar. | |
| b. | Ir-riħa tal-fjuri. | |
| ċ. | Ir-riħa ta' l-ikel. | |

*(marka)*

11. Agħżel liema frażi toqgħod flok il-kelma **saħħret**. *(par. 4)*

| | | |
|---|---|---|
| a. | tat dehra maġika | |
| b. | bikkiet | |
| ċ. | sparixxiet | |

*(marka)*

12. X'tgħallimt minn din l-istorja?

______________________________________________

______________________________________________

*(2 marki)*



**B. Immarka [X] fil-kaxxa t-tajba.**

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| a. | Tifla fil-klassi ta' Martina kienet daħket bit-tpinġija tagħha. | | x |
| b. | Aħna kollha differenti u b'hekk naraw l-affarijiet differenti u ma npinġux l-istess. | | |
| ċ. | Mario kien bilqiegħda fuq banketta ħdejn xatt il-baħar. | | |
| d. | L-aktar li għoġob lil Mario fit-tpinġija kien il-qattus. | | |
| e. | In-nies li rawhom bdew ifaħħruhom. | | |
| f. | It-tpinġijiet tagħhom kienu kollha l-istess. | | |
| ġ. | L-artisti waqfu għax ħassew il-bard. | | |

*(6 marki)*

**Ċ. Sib kelma jew frażi li tfisser l-istess:**

Eż: ġiet lura **<u>rritornat</u>** *(par.1)*

1. post fejn issajjar ________________________ *(par.2)*

2. taħriġ ________________________ *(par.2)*

3. magħruf ________________________ *(par.3)*

4. ipinġi ________________________ *(par.3)*

5. joqogħdu bilqiegħda ________________________ *(par.4)*

*(5 marki)*

**D.** **Daħħal f'posthom l-idjomi mogħtija hawn taħt, biex is-sentenza tagħmel sens.**

~~F'radda ta' salib~~; ġew fl-idejn; għandu l-labar f'ġismu;
bix-xaba'; fih persuna; infetħu bwieb is-sema.

Eż : **<u>F'radda ta' salib</u>** waslu x-xatt.

1. Kulħadd jgħid li Toni ________________________ għax huwa twil ħafna!

2. Hekk kif Lara fetħet il-kaxxa sabet ħelu ___________________________.

3. L-irġiel ______________________________ u kellha tidħol il-pulizija biex twaqqaf il-ġlieda.

4. Hija ___________________________________________ għax il-ħin kollu jiġri u joqmos. M'għandux kwiet!

5. Hekk kif it-tfal kienu ħerġin mill-iskola, _______________________________ u ħadu tixriba.

*(5 marki)*



**E. Agħti l-Aġġettiv Komparattiv.**

Eż : Il-libsa li xtratli z-zija **fina**, imma dik li xtratli ommi għall-festa hija **ifjen**.

1. L-istampa ta' Paul **sabiħa**, imma dik li għamel Marco __________________.

2. It-triq mill-iskola għad-dar hija **twila,** imma dik li mid-dar tagħti għax-xatt hija __________________.

3. Il-dar ta' Toni hija **qadima**, imma tan-nanna tiegħu hija ________________.

4. Il-ktieb tal-Malti **oħxon**, imma dak tal-Matematika _________________.

*(4 marki)*



**F. Agħti l-Plural tal-kliem li hemm fil-parentesi.**



Nhar is-Sibt, 14 t'Ottubru 2006, Malta għall-ewwel darba ċċelebrat dak li ġie msejjaħ Lejl Imdawwal – *Notte Bianca.*

Il-Belt ġie invażat mill-**familji** (*familja*) Maltin li telgħu l-Belt Valletta biex jaraw l- ______________________ (*attività*) għaddejjin fit-toroq, _______________ (*pjazza*), __________________ (*ġnien*), ____________________ (*mużew*), teatri u _________________ *(ċentru)* kulturali. Il-programm kien jinkludi mużika, arti, reċtar, żfin, films, sport, fotografija, storja, skultura u anke moda.

*(5 marki)*

## Ġ. Daħħal il-Pronomi Personali.



**<u>Aħna</u>** għandna biċċa arti mdendla mal-ħajt fil-kamra ta' l-ikel. Ommi kienet xtratha mingħand wieħed xiħ. ____________ tgħid li dak ir-raġel kien artist Taljan. Missieri jibża' ħafna għaliha għax ___________ jgħid li għad tiġi tiswa ħafna flus. Fuqha hemm tifla riekba żiemel. __________ nħobb inħares lejha u nimmaġina li qiegħda fuq iż-żiemel. L-aħħar darba ġew sħabi u waqfu jħarsu lejha. ___________ qalu li t-tifla ta' fuq l-istampa tixbahni ħafna għax għandha xagħarha twil u kannella bħal tiegħi!

*(4 marki)*

## G. Agħti kelma waħda flok:

| | |
|---|---|
| il-wiċċ tagħna | wiċċna |
| ix-xogħol tiegħu | |
| il-fehma tiegħi | |
| il-ħabib tagħhom | |
| l-omm tagħhom | |
| il-gosti tagħna | |
| l-idejn tiegħek | |

*(6 marki)*

**Għ. Agħti l-Imperattiv.**

"Ejja **aqta'** (jaqta') xagħrek għand '*Cut and Curls*', u ____________ (jagħżel) kulur biex tibdel id-dehra tiegħek. __________ (tagħmel) *blow-dry* ħa tidher aħjar.__________ (iġġib) miegħek lil sħabek u żgur li toħroġ sodisfatta.

______________ (tipprofitta) ruħek mill-offerta ta' għaxra fil-mija skont mill-kont tiegħek jekk tiġi żżurna. ___________ (ħaseb) kmieni!



Cut & Curls

**L-aħjar għażla għalik!!**

*(5 marki)*

**H. Agħti n-negattiv tal-kliem fil-parentesi.**



L-imġiba tagħna fl-iskola għandha tkun waħda tajba u eżemplari. Għandna nibżgħu għall-ambjent ta' l-iskola u nżommu kullimkien nadif. L-iskola għandna nagħmlu xogħolna sewwa, nistudjaw, naqraw u **ma niġġildux** (niġġieldu) ma' sħabna. Ngħidu dejjem il-verita' u ___________________ (nigdbu). Noqogħdu attenti waqt il-lezzjoni u ___________________ (npaċpċu). Għandna nżommu ruħna sewwa, dejjem puliti bl-uniformi nadifa. ____________________ (naħlu) karti, nibżgħu għall-kotba u ____________________ (nitilfu) ħin għax inkella ___________________ (nitgħallmu) kemm suppost nitgħallmu.

*(5 marki)*

**H. Ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwar WIEĦED minn dawn:**

*(Jekk trid tista' tagħmel użu mis-suġġerimenti mogħtija.)*

*(25 marka)*

**1. M'għalaqtx għajn m'għajn!**

*Suġġerimenti :*
*Ikteb dwar x'kien qiegħed idejqek jew jinkwetak tant li ma stajtx torqod.*



**2. Li kieku kelli nsiefer…….**

*Suġġerimenti :*
*Ikteb fuq il-post li tixtieq iżżur kieku kellek issiefer, fejn tmur u x'tixtieq tara. Semmi ma' min tixtieq tmur.*



**3. Biex jiċċelebraw Jum L-Annimali, il-kap ta' l-iskola talab lit-tfal iġibu l-annimali domestiċi tagħhom l-iskola. Fekruna u għasfur qabdu konverżazzjoni.**

*Suġġerimenti : Ikteb id-djalogu ta' bejniethom.*



**4. L-importanza tal-ktieb f'ħajjitna.**

*Suġġerimenti :*
*Ikteb dwar il-ħtieġa li naqraw kemm biex nieħdu gost, kif ukoll biex nitgħallmu.*



**5. Dejjem bl-iskuża fil-komma.**

*Suġġerimenti :*
*Ivvinta storja fuq karattru u uri kif din il-persuna dejjem lesta b'xi skuża għal dak li tkun għamlet.*



Tmiem il-karta